



## IT-TKOMPLIJA TAL-UNJONIEKONOMIKA U MONETARJA TAL-EWROPA

Il-Kontribut tal-Kummissjoni għall-Aġenda tal-Mexxejja

#FutureofEurope #EURoad2Sibiu

### SERVIZZ TA' SOSTENN GĦAR-RIFORMI STRUTTURALI



*"Irrid li l-Ministru Ewropew ġdid jipromwovi u jappoġġa riformi strutturali fl-Istati Membri tagħna. Hu jista' jibni fuq il-ħidma li l-Kummissjoni ilha tagħmel mill-2015 permezz tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali tagħna."*

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker, Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, it-13 ta' Settembru 2017

Il-Program ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali jiffinanzja appoġġ tekniku mfassal apposta għall-Istati Membri biex jgħin-hom bil-pjanijiet ta' riforma tagħhom. L-appoġġ huwa disponibbli għall-Istati Membri kollha tal-UE, huwa mmexxi mid-domanda u ma jeħtieġ l-ebda kofinanzjament.

Il-Programm ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali huwa implimentat mis-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali tal-Kummissjoni f'kooperazzjoni ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni u jimmobilizza esperti minn madwar l-Ewropa kollha u lil hinn minnha. Huwa jappoġġa l-Istati Membri fit-tnejn, fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tar-riformi li jsaħħu t-tkabbir.

B'segwitu għat-talba minn Stat Membru, is-sostenn għar-riforma tal-Kummissjoni jkopri **ċ-ċiklu sħiħ tal-proġett** li matulu s-sjeda tar-riformi tibqa' mal-Istat Membru.

Is-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali s'issa appoġġa 15-il Stat Membru biex iwettqu aktar minn 150 proġett. Taħt iċ-ċiklu tal-2018 tal-Programm ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali, is-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali rċieva 444 talba għal appoġġ minn aktar minn 20 Stat Membru, li jwasslu għal domanda eċċessiva sostanzjali għall-baġit limitat tal-Programm.

#### 2017

Il-Programm ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali:

iktar minn 150 talba  
fi 15-il Stat Membru.



#### 2018

Il-Programm ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali:

iktar minn 440 talba minn iktar  
minn 20 Stat Membru.



### Irduppjar tal-kapaċità tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali

Il-Kummissjoni tipproponi li tirdoppja l-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali ta' bħalissa, biex b'hekk ittellgħu għal €300 miljun għall-perjodu sal-2020. Dan jippermetti l-Programmi ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali li jirrispondi għal-għadd ikbar milli mistenni ta' talbiet għal appoġġ mill-Istati Membri.

Din il-proposta tiegħu l-forma ta' emenda tar-Regolament dwar il-Programm ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali. Abbażi ta' din l-esperjenza, il-Kummissjoni beħsiebha tipproponi segwitu għall-Programm ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2020.

## Oqsma ta' kompetenza tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali

### IL-GOVERNANZA U L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

- Il-governanza
- L-amministrazzjoni ċentrali u lokali
- Il-gvern elettroniku
- Il-ġestjoni tar-riżorsi umani
- Regolamentazzjoni aħjar
- Strateġiji fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi
- Strateġiji fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus
- Ir-riforma ġudizzjarja

### L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DĦUL U L-ĠESTJONI FINANZJARJA PUBBLIKA

- Is-suq, il-politiki u l-liġijiet tax-xogħol
- Is-sistema ta' protezzjoni soċjali
- Is-sistema tal-pensjonijiet
- Il-kura tas-saħħa
- Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali

### IT-TKABBIR U L-AMBJENT KUMMERĊJALI

- Il-liċenzjar tal-investiment
- Il-politika ta' kompetizzjoni
- Kwistjonijiet ta' kummerċ
- Is-soċjetà diġitali
- Ir-reġistru tal-artijiet
- L-Unjoni tal-Enerġija
- Regolamentazzjoni Aħjar
- Il-ġestjoni ta' intrapriżi tal-Istat (SOEs)
- Kompetenzi settorjali: it-trasport, l-ambjent, l-ilma, il-biedja, eċċ.

### IS-SUQ TAX-XOGHOL, IS-SAĦĦA U S-SERVIZZI SOĊJALI

- Is-suq, il-politiki u l-liġijiet tax-xogħol
- Is-sistema ta' protezzjoni soċjali
- Is-sistema tal-pensjonijiet
- Il-kura tas-saħħa
- Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali

### IS-SETTUR FINANZJARJU U L-AĊĊESS GĦALL-FINANZI

- L-aċċess għall-iffinanzjar
- L-Unjoni tas-Swieq Kapitali
- Is-superviżjoni bankarja u r-riżoluzzjoni
- Is-self improduktiv
- L-insolvenza u l-kompetenza finanzjarja
- L-assigurazzjoni u l-pensjonijiet
- Il-kompetizzjoni

Kompiti speċjali: Is-servizz kien ta' għajjnuna fil-koordinazzjoni tar-reazzjoni għall-kriżi tar-rifuġjati fil-Greċja u huwa wkoll responabbli mill-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Għajjnuna għall-komunità Torca-Ċiprijotta.

## Eżempji ta' proġetti



### IL-GOVERNANZA U L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

It-titjib tal-effiċjenza tas-sistema tal-akkwist pubbliku nazzjonali fil-**Litwanja**.

L-għoti ta' appoġġ biex titjeb l-effiċjenza tal-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-amministrazzjoni f'**Malta**.



### L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DĦUL U L-ĠESTJONI FINANZJARJA PUBBLIKA

It-tfassil ta' sistemi ta' kontabbiltà abbażi tad-dovuti għall-armonizzazzjoni tal-prattiki tal-kontabbiltà nazzjonali fl-**Italja**.

Tisħiħ tal-abbiltà tal-amministrazzjoni tat-taxxa biex jitjeb il-ġbir tat-taxxa fil-**Bulgarja**.



### IT-TKABBIR U L-AMBJENT KUMMERĊJALI

It-titjib tal-ambjent kummerċjali biex jitneħħew ostakli regolatorji fil-**Portugall**.

L-għoti ta' appoġġ lill-awtoritajiet f'**Ċipru** biex jilħqu l-miri tal-enerġija u l-klima tal-2020 u l-2030.



### IS-SUQ TAX-XOGĦOL, IS-SAĦĦA U S-SERVIZZI SOĊJALI

L-appoġġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kurrikula ġodda fl-iskejjel fil-**Kroazja**.

It-titjib tal-funzjonament tal-kura primarja tas-saħħa fis-**Slovakkja**.



### IS-SETTUR FINANZJARJU U L-AĊĊESS GĦALL-FINANZI

It-titjib tal-funzjonament ta' swieq kapitali fit-tliet Stati Baltiċi (**L-Estonja, il-Latvja, u l-Litwanja**).

It-tisħiħ tal-abbiltà li jiġi trattat is-self improduttiv fis-**Slovenja**.

## Il-passi li jmiss

